ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 3 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 15 ta' April 2013 fis- 6.30pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
| --- | --- |
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Mary Anne Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a*) Management Letter*
5. Ġieħ Ħal Għaxaq;
6. Tender għal *Cameras*;
7. Tender għal Van;
8. Tender tal-Perit;

9. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

---

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

ĦAL GĦAXAQ

**1. Minuti**

Il-Minuti tat-Tieni Seduta ittiehdu bhala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu adottati.

Issekondat il-Kunsillier Schembri u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**;

a. Is-Segretarju nformat lill-Kunsill li l-firem għal transazzjonijiet bankarji diġa' saret mal-BOV u ser issir mal-HSBC ukoll.

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)**:-

1. Mid-Dipartiment irċevejna li t-talba tal-akkumulu tal-*vacation leave* tas-Segretarju Eżekuttiv ġiet approvata u dawn għandhom jittieħdu matul din is-sena.
Infurmaw ukoll dwar is-sejħa għal Premjijiet Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2013 anness linji gwida w applikazzjoni. Il-Kunsill qabel li s-Sur Keith Fenech jieħu ħsieb l-applikazzjoni biex jara jekk hemmx lok fejn il-Kunsill jista' japplika.
Bagħatu e-mail dwar kollaborazzjoni bilaterali mal-Olanda, fejn inkludew xi nformazzjoni.

2. Mill-AKL, fejn bagħatu jinfurmaw li ser isiru żewġ seminars *HOMER* u *Grisi* fil-Lukanda Corinthia San Gorg fit-3 u 24 ta' Mejju, 2013. Għal dawn iż-żewġ *seminars* ser tattendi s-Segretarju.

Infurmaw ukoll li ser isir seminar ieħor dwar *Benefit with Alternative Energy & Waste Management* fit-12 ta' April, 2013.

3. Mill-MEPA bagħatu dwar Applikazzjoni ġdida PA/01001/13 dwar twaqqiegħ tal-istruttura eżistenti u kostruzzjoni ta' garaxxijiet, appartamenti u *penthouse* fi Triq N. Caruana Dingli.

4. Mingħand *Transport Malta* fejn infurmaw dwar it-talba li saret minghand is-Sur Spiteri għal *reserved parking* quddiem 19, 'Adelaide', Triq G.Vella, sabiex jaraw jekk insibux oġġezzjoni għal dan il-parkeġġ. Il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

ĦAL GĦAXAQ

Infurmaw ukoll dwar ir-*reserved parking* fi Triq San Bastjan peress li fejn joqgħod min għamel t-talba ma hemmx wisa' biżżejjed quddiemhu ghaldaqstant dan il-parking ser isir fi Triq San Filippu fejn l-aktar li jkun viċin tar-resident in kwistjoni. Din tista ma ssirx ghax ir-resident miet.

5. Mir-Reġjun Nofisnhar fejn gharrfu li ser isir laqgħa plenarja fit-18 ta' Mejju, 2013, fejn is-Sindku u l-Kunsiliera huma mħeġġa sabiex jattendu, il-ħlas hu ta' € 15 kull persuna. Is-Segretarju qalet li tistenna risposta biex tkun taf min ser jattendi.

a plenarja

6. Mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fejn infurmaw li qed isir ġbir ta' nuċċalijiet u *stationery* sabiex tinfetaħ klinika tal-għajnejn fl-Etipoja.

7. Mid-Dipartiment tal-Kuntratti fejn għarrfu li saru xi aġġustamenti fil-COLA fil-kuntratti tas-Servizzi Pubbliċi.

8. Mingħand is-Surmast Skola Primarja Għaxaq fejn għarraf bl-ilmenti tiegħu dwar ir-rotta tal-Arriva li l-ħinijiet li jgħaddu għax qed ikun ta' periklu għat-tfal tal-iskola.

Infurmaw ukoll dwar Jum iċ-Ċelebrazzjoni li din ser isir fis-17 ta'April, 2013 u bħala għotja l-Kunsill normalment jagħti xi kotba ta' 'Ħal Għaxaq u Niesu'. Il-Kunsill qabel dwar l-għotja ta' dawn il-kotba w ser jattendi s-Sindku għal preżentazzjoni.

Infurmaw ukoll fil-25 ta' April, 2013, ser tkun l-*Green Casual Day* fejn ser issir xi attivita marbuta mas-seprazzjoni tal-iskart u attivita' oħra ser tkun tħawwil ta' siġar u xitel mit-tfal fejn b'hekk iħossuhom parteċipi fil-komunita' wkoll. Is-Sindku qal li l-iskola se tipprovdi x-xtieli w żied jgħid li ser isir xi żbir minn dawk il-pjanti li hemm diġa' fi Ġnien il-Kunsill biex jitħawwlu w s-sena d-dieħla jkunu jistgħu jiġu mħawwla.

9. Mill-Gal Xlokk fejn għarrfu li laqgħa li jmiss ser issir fit-12 ta' April, 2013, ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa, fil-5:00 p.m.

Is-Segretarju staqsiet is-Sindku jekk kienx se jgħid xi ħaġa dwar il-laqgħa iżda s-Sindku qal li hu bagħat lis-Sur Keith Fenech jirrappreżentah.
Is-Segretarju għarrfet lill-membri tal-Kunsill li jekk ma jkunx jista' jattendi s-Sindku l-ewwel prijorita' tingħata lil Viċi Sindku għax dan għalhekk jinħatar, u jekk ma jkunx jista' l-Viċi-Sindku iddur għal Kunsilliera. Is-Sindku qal li peress li din il-laqgħa kienet dwar fondi u s-Sur Keith Fenech se jieħu ħsieb il-fondi tal-UE għaldaqstant bagħat lilu ma kienx jaf il-proċeduri tal-Kunsill.

ĦAL GĦAXAQ

Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li fil-ġejjieni għal laqgħat tal-GAL Xlokk jibda jattendi s-Sur Keith Fenech. Is-Sur Silvio Schembri, Manager fil-GAL Xlokk se jiġi nfurmat dwar din id-deċiżjoni.

Dwar il-laqgħa s-Sur Fenech qal li ssemmew żewġ Miżuri li se joħorġu dalwaqt, waħda minnhom tinteressa l-Kunsill dwar *Childcare* biex jgħallmu *instructors* jipprovdu *Childcare* u xiri t'apparat, tingħata nformazzjoni aktar il-quddiem.

10. Mill-*Green Pak* fejn bagħatu awguri lill-Kunsill elett u sabiex tibqa' tissaħħaħ il-ħidma li hemm bejn iż-żewġ partijiet.

11. Mingħand *NSTF Science Expo* fejn infurmaw li hemm xi studenti Għaxqin ser jiġu premjati, din ser isir fid-19 ta' April, 2013, ġewwa MCC, Valletta u infurmaw ukoll li jrid jinxtara ktieb. Għal din l-attivita' ser tattendi l-Kunsillier Schembri.

12. Mingħand is-Sur Borg Caruana fejn talab x'informazzjoni dwar attivitajiet pubbliċi li jirrekjedu s-servizz tal-Gwardjani Lokali. Il-Kunsill qabel li jintalbu r-rati tal-ħlasijiet tal-gwardjani. Is-Sindku qal li jixtieq jagħmel laqgħa mas-Sur Borg Caruana.

13. Mingħand il-KMS, fejn talbet sabiex ninfurmaw meta ser jibdew jiġu organizzati l-attivitajiet u jekk hemmx bżonn ta' x'apparat u kowċis.

14. Mingħand *Grant Thornton* fejn bagħatu *Draft* tal-*Management Letter* sal-31 ta' Diċembru, 2012. Din se tiġi diskussa f'*item* ieħor.

15. Mingħand is-Sur John Inguanez fejn bagħat xi suġġerimenti sabiex Triq iċ-Ċeppun tiġi msemmija għal nannuh. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lill-Bord tat-tismijja tat-toroq.

16. Is-Segretarju tal-PL Għaxaq infurma li huma qed jinnominaw lil Dr. F. Debono sabiex jiġi mogħti Ġieħ Ħal Għaxaq ir-raġuni hi peress li huwa

l-ewwel Għaxqi li qed iservi fil-Parlament. Il-Kunsill qabel li din id-deċiżjoni ttieħdet waqt il-Laqgħa tal-Kunsill 2/13.

17. Mingħand Ms Camilleri fejn din qed tagħmel xi riċerka dwar mużewijiet li jinsabu fil-Komunita' u talbet xi nformazzjoni. Din l-e-mail se tieħu ħsiebha s-Sinjura Schembri.

18. Mill-Għaqda Maltija tal-Ortikoltura fejn infurmaw li ser isir il-wirja annwali bl-isem ' *The Great Spring Show*', fl-4 u l-5 ta' Mejju, 2013, fil-Palazz ta' Sant'Anton.

ĦAL GĦAXAQ

19. Mingħand *Castle Hill Ltd.*, fejn infurmaw li ġewwa ċ-Ċitadella ser jitella' filmat edukattiv '*Gozo 360 Multivsion Show*', il-prezz huwa ta' € 2 kull persuna VAT inkluża.

20. Mingħand is-Sur Christian Mifsud fejn infurma li qed ikollu problemi sabiex jidħol u joħroġ mill-garaxx tiegħu fi Triq il-Gistakor minħabba s-sinjali bojod li saru faċċata tar-residenza tiegħu mit-TM peress li s-sinjali sar minn *Transport Malta* u diversi residenti qed ikollhom din il-problema wkoll. Wara diskussjoni l-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni li jsiru d-*double yellow lines* u għaldaqstant għandha tintbagħat e-mail lill-*Transport Malta* f'dan ir-rigward.

21. Mingħand *Harlequin Entertainment*, fejn jixtiequ li jiltaqgħu mal-Kunsill sabiex jispjegaw x'tip ta' servizz joffru huma fil-qasam tal-*entertainment*.

22. Mingħand *Green Forever*, fejn għarrfu li qed jikru mobile toilets anke għal persuni bi bżonnijiet speċjali

23. Mill-Enemalta fejn bagħatu l-aħħar verżjoni tal-mappa li qed tindika fejn huma lampi u minn huwa responsabbli tagħhom.

24. Mill-Ministeru tal-Enerġija u l-Konservazzjoni tal-Ilma, fejn qed jissuġġerixxu jekk hux possibbli li titħalla kamra vojta sabiex in-nies ikunu jistgħu jiġu ħalli b'hekk jibbenefikaw mis-servizzi li qed jagħti dan l-istess Ministeru, dawn qed jipproponu it-Tlieta mid-9:00 a.m. sas-1:00 p.m. u l-Ħamis mit-3:00 p.m. sas-6:00 p.m. Wara diskussjoni biex din ir-rikjesta tiġi akkomodata, s-Sinjura Agius qalet li hi ma taqbilx li dan il-permess għandu jingħata minħabba l-fatt u staqsiet għalhiex iridu jużaw l-Uffiċċju tal-Kunsill u mhux x'imkien ieħor u x'jiġri jekk dipartimenti oħra jitħajjru u jibdew jużaw l-Uffiċċju tal-Kunsill? Qalet ukoll li ħadd ma għandu jindaħal fl-affarijiet tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li diġa' hawn Kunsilli li aċċettaw li jgħinu f'din il-ħaġa.

Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lid-Direttur tad-Dipartiment għall- Kunsilli Lokali u jinġieb parir.

25. Mingħand TCTC, fejn infurmaw dwar il-proġett IKIDS, fejn il-Kunsill irid iħallas € 1,150 li jkopru 85 parteċipant.

26. L-Assocjazzjoni Nazzjonali Tas-Segretarji Eżekuttivi bagħatu l-Awguri tagħhom lill-Kunsill kollu. Infurmaw ukoll li ser issir laqgħa għas-Segretarji nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2013. Is-Segretarju se tattendi.

ĦAL GĦAXAQ

27. Mingħand is-Sur Christopher Pace irċevejna suġġerimenti fuq pjan ta' ħidma għall-Kunsill ta' Ħal Għaxaq.

28. Mingħand is-Sur Ian Caruana li għandu problemi minħabba ħmieġ li qed jitħalla mill-kuntrattur li qed jaħdem fit-Triq Giovanni Scicluna.
Is-Sindku qal li hu kellem lil-kuntrattur u dan tal-aħħar qallu li sa nhar is-Sibt se jlesti u jnaddaf kollox.

29. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfurmatna li se issir il-Laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki nhar il-Ġimgħa, 31 ta Mejju u s-Sibt 1 ta' Gunju, 2013, il-*Calypso Hotel*, Għawdex. Is-Segretarju tablet biex kemm is-Sindku w l-Viċi Sindku jikkonfermaw hux se jattendu.

30. Il-Ministru Joe Mizzi se jżur l-Uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis li ġej f'12.00pm biex jiddiskuti l-problemi dwar l-Arriva.

31. Mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili rċevejna ittra uffiċċjali dwar ix-xogħolijiet li qed isiru fi Triq San Ġorġ. Il-Kunsill qabel li din l-ittra tintbagħat lill-Avukat tal-Kunsill.

32. Mingħand is-Sur Charles Agius fejn qed jindika li tneħħiet irħama kommemorattiva mill-bini tal-Kunsill. Wara diskussjoni ħadd ma' kien jaf jew sema' b'din l-irħama.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet ittra lir-Residenti ta' Triq it-Tumbarellu u Triq San Gorg, fejn dawn gew mgħarrfa li ser jinbeda x-xogħol tat-tarmak fit-triq tagħħom sabiex ineħħu l-vetturi ħalli x-xogħol ikun jista' jitkompla mingħajr ebda dewmien żejjed.

b) Intbagħatet e-mail lill-Ing. Camilleri, sezzjoni tad-drenaġġ dwar il-fossa li tinsab fejn il-ground sintetiku. Infurmajna li din qed tkun inkonvenjent kbir ghar-residenti u li hemm bżonn li tittieħed azzjoni malajr kemm jista' jkun ħalli din is-sitwazzjoni tiġi rranġata.

5. **Jum Hal Ghaxaq**

Minbarra dak li sar arranġament diġa' dwarhu skont (item 6 tal-Minuti preċedenti), il-Kunsill iddiskuta l-lista tal-mistednin fejn sar qbil.

Is-Sindku se jieħu ħsieb iġib lista ta' dawk li jagħlqu 25 sena miżżewġin mingħand il-Kappillan.

ĦAL GĦAXAQ

Inġiebu tlett kwotazzjonijiet għar-riċeviment u l-aħjar kienet dik tal-*Primavera Caterers*, għaldaqstant il-Kunsil qabel li l-ordni għar-riċeviment tingħata lill-Primavera.

Sar qbil ukoll li l-Kunsill joħroġ fuljett żgħir għall-okkażjoni ta' Jum Ħal Għaxaq li se jiġi jiswa' madwar € 105.

Is-Sinjura Schembri qalet li biex tinġieb it-*train* żgħira biex iddur mar-Raħal l-ispiża hija għolja, iżda sar qbil li jinġieb il-*Bouncing Castle* għal ħlas ta' € 95 biex it-fal ikunu jistgħu jifirħu f'dan il-Jum, għaldaqstant tkun trid tingħalaq it-triq.

Il-Kunsilliera Schembri qalet ukoll li ser issir wirja ta' *crafts*, *bazaar* u *playtime* mil-Għaqda Kura u Trobbija tat-Tfal Ħal Għaxaq fis-Sala Nazareth bejn id-9.00am u 4.00pm f'Jum Ħal Għaxaq.

Id-deċiżjoni dwar fejn se jitpoġġew il-wirja tal-karozzi għad trid tiġi deċżza.

Il-Quddiesa ser isir fl-10.30am mhux fl-10.00am

**Is-Sinjura Agius kella tħalli l-kamra minħabba mpenji familjari.**

7. **Suġġerimenti mill-Kunsillieri**

a. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jikkuntattja lic-*Chiarman* il-ġdid tal-BOV dwar il-fergha tal-Bank u l-ATM li kienet proposta f'Dawret Ħal Għaxaq. Il-Kunsill qabel.

b. Wara suġġeriment mill-Kunsillieri l-ġodda s-Segretarju qrat u spjegat fid-dettal il-*Budget* li ġie approvat mill-Kunsill tal-leġislatura preċedenti.

**Aġġornament**

Is-Sindku fi9.30pm minħabba li kien sar ħafna ħin aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 29 ta' April 2013 fejn se tkompli tiġi diskussa l-Aġenda.

Darren Abela
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**

**Ikkonfermati: Tnejn 29 ta' April 2013 fis-6.30pm**